A.L. 119 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR IL-LOTTU PUBBLIKU (KAP. 70)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 109 ta' l-1990.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1990 dwar il-Lottu Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-23 ta' Lulju, 1990 u għandhom japplikaw għar-rigward tat-tlugħ tal-lottu tat-28 ta' Lulju, 1990 u kull tlugħ sussegwenti fiż-żoni u banek tal-lottu kollha ta' Malta u Għawdex.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"(2) Il-biljetti tal-lottu għandhom ikunu tal-valuri li ġejjin:—

10 ċenteżmi,
25 ċenteżmi,
50 ċenteżmi,
Lm1,

għal ġugat wieħed, u

10 ċenteżmi magħmul minn tern wieħed u tliet eniebi ta' 2c5 kull wieħed,

25 ċenteżmu magħmul minn tern wieħed ta' 10 ċenteżmi u tliet eniebi ta' 5 ċenteżmi kull wieħed,

50 ċenteżmu magħmul minn tern wieħed ta' 20 ċenteżmu u tliet eniebi ta' 10 ċenteżmi kull wieħed,

Lm1 magħmul minn tern wieħed u tliet eniebi ta' 25 ċenteżmu kull wieħed,

għal tqabbil ta' ġugati fuq l-istess biljett, u kif muri fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għal biljetti ta' tqabbil speċjali. Kull biljett ta' tqabbil speċjali għandu juri l-mod li bih il-valur tal-biljett ikun maqsum fid-diversi ġugati li jkunu jagħmluh.".

Iżid Skeda mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih fi tmiem ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 4)

Biljetti ta' Tqabbil Speċjali

Eniebi

Tqabbil Milgħub	Eniebi Milgħuba	Kemm Jiswew il-Ġugati			
		10c	25c	50c	Lm1
3 numri	3	Lm0.30	Lm 0.75	Lm 1.50	Lm 3
4 numri	6	Lm0.60	Lm 1.50	Lm 3.00	Lm 6
5 numri	10	Lm1.00	Lm 2.50	Lm 5.00	Lm10
6 numri	15	Lm1.50	Lm 3.75	Lm 7.50	Lm15
7 numri	21	Lm2.10	Lm 5.25	Lm10.50	Lm21
8 numri	28	Lm2.80	Lm 7.00	Lm14.00	Lm28
9 numri	36	Lm3.60	Lm 9.00	Lm18.00	Lm36
10 numri	45	Lm4.50	Lm11.25	Lm22.50	Lm45

Trun "Straight"

Tqabbil Milgħub	Trun Milgħuba	Kemm Jiswew il-Ġugati			
		10c	25c	50c	Lm1
4 numri	4	Lm0.40	Lm 1.00	Lm 2.00	Lm 4
5 numri	10	Lm 1.00	Lm 2.50	Lm 5.00	Lm10
6 numri	20	Lm 2.00	Lm 5.00	Lm10.00	Lm20
7 numri	35	Lm 3.50	Lm 8.75	Lm17.50	Lm35
8 numri	56	Lm 5.60	Lm14.00	Lm28.00	Lm56
9 numri	84	Lm 8.40	Lm21.00	Lm42.00	Lm84
10 numri	120	Lm12.00	Lm30.00	Lm60.00	Lm120

Kwaterni

Tqabbil Milgħub	Kwaterni Milgħuba	Kemm Jiswew il-Ġugati			
		10c	25c	50c	Lm1
5 numri	5	Lm 0.50	Lm 1.25	Lm 2.50	Lm 5
6 numri	15	Lm 1.50	Lm 3.75	Lm 7.50	Lm 15
7 numri	35	Lm 3.50	Lm 8.75	Lm 17.50	Lm 35
8 numri	70	Lm 7.00	Lm 7.50	Lm 35.00	Lm 70
9 numri	126	Lm12.60	Lm31.50	Lm 63.00	Lm126
10 numri	210	Lm21.00	Lm52.50	Lm105.00	Lm210".